**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kylie Borg]**

**vs**

**Carmel Albert Mifsud**

**Kumpilazzjoni Numru: 1235/12**

**Illum, 29 ta' Mejju, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmel Albert Mifsud detentur tal-karta tal-identita` numru 495469M.

Akkuzat talli:

> Nhar it-03 ta' Ottubru 2012, gewwa Triq Gdida fi Triq Hal Mula, Zebbug, Malta, u f'postijiet ohra ghall-habta ta' 11:30 (hdax u nofs ta' filghodu) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejejg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` ghamel hsara fil-vettura li ghandha numru ta' registrazzjoni SIS001, proprjeta` ta' Charlie Agius ID567476M, liema hsara hija ta' aktar minn €1,164.69 (elf mija erbgha u sittin Ewo u disgha u sittin centezmu) ghad-dannu tal-istess Charlie Agius;
>
> U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBI908 tal-ghamla Peugeot 206 b'nuqqas ta' kont, bi traskrugani jew b'mod perikoluz; u
>
> Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala x-xufier tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBI908 naqas li jieqaf wara li din il-vettura bil-mutur fit-triq kienet involuta f'incident.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li bih ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Semghet il-provi; u

Rat in-noti ta' sottomissjoni tal-partijiet in atti.

Ikkunsidrat;

Ili dawn huma proceduri fejn l-akkuzi principarjament jirrigwardjaw fuq hsarat volontarji fuq vettura proprjeta` tal-parte civile Charlie Agius u dan fit-tlieta (3) ta' Ottubru elfejn u tnax (2012) f'Haz Zebbug.

Illi d-difiza qed tikkontesta l-fatt illi l-prosekuzzjoni li ppruvat il-kaz taghha oltre d-dubju dettat mill-ligi. Filwaqt li taqbel mas-sottomissjoni tad-difiza li l-oneru tal-prova huwa tal-prosekuzzjoni, izda jekk il-prosekuzzjoni jirnexxielha tipprova l-kaz taghha bl-ahjar provi disponibbli ghaliha u dawn anke jigu sostanzjati bi provi cirkostanzjali, mela allura l-kaz taghha ghandu jigi milqugh.

Illi f'dawn il-proceduri hemm serje ta' provi li mghaqqda flimkien juru katina wahda ta' provi li kollha jindikaw lejn l-imputat.

Fl-ewwel lok hemm l-istqarrija tal-imputat li beda jitkellem dwar kemm kien irrabjat mal-parte civile fuq xi kwistjoni li kellhom ghaddejja dak iz-zmien u li sahansitra kienu l-Qorti fuqha, jghid illi mar ghand il-parte civile rrabjat u kien wisq aktar irrabjat meta habbat il-bieb u dawn ma fethulux. Huwa jghid illi dahal fil-karrozza tieghu u baqa' diehel fil-karrozza tal-parte civile. Meta gie mistoqsi mill-Ispettur Zammit jekk kienx ghamilha b'mod volontarju, huwa qisu rrejalizza li kien ser jinkrimina ruhhu u ma wegibx.

Imbaghad hemm ix-xiehda tal-parte civile Charlie Agius u l-mara tieghu Fiona fejn dawn raw il-maggior parti tal-akkadut fejn raw minn wara t-tieqa li kien mar ghandhom l-imputat izda dawn ma fethulux. Dawn ikkonfermaw ukoll illi dan kien irrabjat tant li kien qed jidghi jew jghid kliem hazin. Rawh ukoll jidhol fil-karrozza tieghu u sakemm dawn dahlu sabiex icemplu lill-pulizija semghu hoss u meta hargu barra raw il-karrozza taghha bid-danni fil-genb u l-imputat kien telaq mill-post.

Illi l-Qorti semghet ukoll ix-xhieda tas-surgent James Weatherill fejn dan mar fuq il-post, ikkonstata d-danni fuq il-vettura tal-parte civile SIS 001 li kienu jikkonsistu f'danni fuq in-naha tax-xellug taz-zewg bibien minn quddiem ghall-ahhar u sussegwentement ikkonstata d-danni fuq il-vettura tal-imputat DBI 908 li kienu kompatibbli mal-hsarat fuq il-vettura tal-parte civile.

Semghet ukoll il-konferma tal-ammont tal-hsarat fuq il-vettura SIS 001 u x-xoghlijiet li saru u dan ammontanti ghal elf, hames mija u tmienja u ghoxrin Ewro (€1,528) (Dok RZ9 u Dok RZ 10). Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-imputat li kellu jitqabbad espert u san ghar-raguni illi l-hsarat kienu diga` msewwija kif ukoll ghall-fatt illi mid-dokumenti pprezentati ma thallix dubju f'mohh il-Qorti illi dawn id-dokumenti verament jirrigwardjaw il-hsarat maghmula mill-imputat anke in vista tal-fatt li l-Qorti setghet tikkonstathom permezz ta' ritratti esebiti mill-parte civile u mmarkati bhala Dokument CA 1.

Illi dawn il-provi kollha johorgu bic-car illi l-imputat kellu dak li jissejjah *a positive indirect intent* li jiddanneggja il-vettura tal-parte civile u jikkawzalha l-hsarat li gew ippruvati.

Illi a rigward l-akkuza tas-sewqan bla kont bi traskuragni jew b'mod perikoluz jinghad illi ghal dan ir-rigward il-Qrati taghna kellhom diversi okkazjonijiet li jiddibattu dan il-punt fosthom decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Grech** moghtija fl-20 ta' Frar 2007, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> ***"Kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud deciz fis- 6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet: Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt … bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont,***

> ***tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. [...]".***

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **<u>Il-Pulizija vs. Mario Gellel</u>** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

> ***"... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. vs. Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. vs. Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs. Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul. vs. Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pul. vs. Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. vs. Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs. Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892])".***

Illi f'dan ir-rigward hadd ma ra l-imputat isuq u kwindi hadd ma seta' jirrakkonta kif l-imputat hareg mit-triq li fiha joqghodu l-parte civile u ghaldaqstant il-Qorti thoss li din l-akkuza ma gietx ippruvata. Izda l-akkuza li huwa ma baqax fuq il-post wara l-incident giet ippruvata u dan wara li l-Qorti hi sodisfatta li l-ewwel (1) akkuza giet ippruvata wkoll.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 325 (1)(b) tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputat **Carmel Albert Mifsud** hati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) akkuzi u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tikkundannah ghal ghaxar (10) xhur prigunerija sospizi ghal tmintax-il xahar (18) filwaqt li timponi Ordni ta’ Protezzjoni a favur il-parte civile that l-Artikolu 412C li dan ghandu jifforma parti li ntegrali ta’ din is-sentenza, filwaqt li tilliberah mit-tieni (2) akkuza.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**